MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 73/2005

**Kunsill Lokali Fgura**

**Vs**

**Joseph Cutajar (747547 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-societa attrici talbet il-hlas ta' erba mija u erba u erbghin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm444.22c) mill-konvenut billi l-konvenut kien ghamel xoghol ta' komunikazzjoni mas-sistema ta' drenagg minghajr permess.

Ra r-risposta fejn l-konvenut qal li t-talba tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dan stante illi hu m'ghandu l-ebda propjeta fit-triq indikata fl-avviz u ghalhekk il-

komunikazzjoni tad-drenagg illi saret ma’ saritx fl-interess tieghu. Qal illi huwa gie inkarigat minn Richard u Hertha konjugi Cassar sabiex jaghmel xi xogholijiet. Qal ukoll illi kif jidher mir-rapport tal-pulizija, l-bankina giet mkissra minn Joseph Manicaro u skond kuntratt l-ispejjez kellhom isiru bin-nofs bejn il-kumpraturi u l-vendituri.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-“Building Materials Report” tal-Pulizija fejn jinghad:

“Alex Grima, segretarju tal-Kunsill Lokali tal-Fgura, irraporta li go Triq Romano Carapecchia, Fgura hemm persuna li kissret il-bankina u kkomunikat mas-sistema tad-drenagg sal-bankina (liema spejjez kienu saru mill-Kunsill). Il-Pulizija fuq il-post sabu lil certu Joseph Cutajar qed jahdem fuq il-post fejn dan stqarr li l-ispejjez tad-drenagg kienu lesti li jhallsuhom pero’ il-bankina kissira sid il-garage certu Joseph Manicaro. Il-Pulizija kellmet lil Manicaro u dan stqarr li l-bankina kissirha hu u kien lest li jerga jaghmilha kif kienet. Il-Pulizija giet informata minn Alex Grima li kien se jaghti cans sa nhar it-Tnejn 6 ta’ Mejju 2002 wara ftehim bejn il-partijiet u jekk ma’ jintlahaqx qbil jittiehdu passi bil-Qorti ghad-danni.

Ra x-xhieda ta’ Alex Grima fejn jikkonferma l-avviz u r-rapport.

Ra x-xhieda ta’ Anthony Degiovanni li fi zmien in kwistjoni kien jokkupa l-kariga ta’ Sindku tal-Kunsill Lokali Fgura fejn jikkonferma li l-konvenut kien qed jaghmel zewg xogholijiet minghajr permess. Jispjega li billi l-Kunsill kien diga hallas ghas-servizzi mad-drenagg u l-konvenut ried jaghmel uzu ta’ l-istess servizz, dan kellu jhallas ghax-xoghol li sar ghal komunikazzjoni.

Jghid illi darba minnhom kien mar ikellem lit-tifel tal-konvenut kif ukoll certu Axisa u kienu accettaw li jilhqu ghal livell taghhom li jikkomunikaw mad-drenagg pero l-istima taghhom kienet ferm inqas min dik li kien qed jitlob il-Kunsill.

Ra x-xhieda ta' PS 1328 Jesmond Borg fejn jikkonferma r-rapport. Jikkonferma wkoll illi l-konvenut kien qed iqabbad id-drenagg.

Ra x-xhieda ta' Peter Falzon li huwa l-perit tal-Kunsill Lokali Fgura fejn jikkonferma li s-somma ta' erba mija u erba u erbghin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm444.22c) huma d-"drainage works". Jikkonferma wkoll illi f'dak iz-zmien il-Kunsill kien qed jaghmel "resurfacing" tat-triq in kwistjoni.

Jghid illi l-konvenut ma' kienx applika ghal permess mill-Kunsill.

Ra x-xhieda ta' Alexander Grima fejn jikkonferma illi qatt ma rcieva u ta ordni sabiex issir xi "connection" tad-drenagg fit-triq in kwistjoni. Jghid illi l-Kunsill kien ta' ordnijiet biex issir il-medda tad-drenagg fit-triq ghax kien ser jinghata t-tarmakk biex fl-eventwalita ma' tergax tinqala t-triq.

Ra x-xhieda ta' Hertha Cutajar li toqghod fil-blokk tal-flats in kwistjoni u tikkonferma li l-konvenut m'ghandhu ebda propjeta la fit-triq msemmija f'din il-kawza.

Ma tafx jekk il-konvenut kienx applika ghal xi permessi.

Ra x-xhieda tal-Perit Dieter Falzon fejn jispjega li l-Kunsill kien qed jaghmel "resurfacing" tat-triq u d-dranagg kellhu jsir mill-main sewer sa taht il-bankina mill-abitant tad-dwelling.

Jghid illi kien gie informat illi l-Kunsill approwcja lil abitant u talbhu sabiex jaghmel ix-xoghol kollu tad-drenagg ghall-abitazzjoni tieghu u dan qabel ma' jaghmlu t-tarmac. Il-Perit Falzon imbaghad kien gie informat illi x-xoghol li suppost kellhu jaghmel l-abitant kien spicca ghamlu l-Kunsill.

Jghid ukoll illi il-Kunsill wasal mill-main sewer sa taht il-bankina filwaqt li l-konvenut mar minn taht il-bankina sa l-abitazzjoni tieghu. Jikkonferma li l-abitant kellhu suppost

jaghmel ix-xoghol mill-bathroom tieghu sal-main sewer izda minflok hu qabbad max-xoghol li ghamel il-Kunsill.

Jikkonferma wkoll illi hu kien ta ordni sabiex ix-xoghol mill-main sewer sa taht il-bankina jsir mill-Kunsill u jhallas il-kuntrattur tal-Kunsill.

Ra x-xhieda ta’ Alex Grima fejn jghid illi kienet saret decizjoni sabiex il-Kunsill jaghmlu l-connection sa taht il-bankina u dan sabiex ma tergax tinqala t-triq. Jikkonferma li l-Kunsill qed jitlob l-ammont in kwistjoni minhabba l-fatt li l-konvenut qabbad l-connection maghhom.

Grima jghid illi hadd ma applika sabiex jikkomunika max-xoghol tal-Kunsill u l-istess Kunsill ma’ kkomunika ma’ hadd ghaliex hadd ma’ kien joqoghod fil-post f’dak iz-zmien.

L-ewwel eccezzjoni hi li l-konvenut mhux il-legittmu kontradittur stante li l-komunikazzjoni tad-drenagg li saret ma saritx fl-interess tieghu. Inoltre l-bankina inkisret minn Joseph Manicaro u mhux minnu.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien qed jaghmel rampa minghajr permess kif ukoll kien qed jikkomunika mad-dranagg li kien ghamel il-kunsill minghajr permess. Il-Pulizija Jesmond Borg ikkonferma li kien il-konvenut li kien qed jahdem. Joseph Cutajar kien qal lil Pulizija li kien lest li ihallas ghal ispejjes tad-drenagg.

Ra li l-konvenut irrinunzja ghat-talba ghal kjamata fil-kawza.

Ra li skond il-kont esebit a fol. 3 tal-process l-ammont dovut ghal “formation of new drainage house connection including all excavation works, reconnection, backfilling and reinstatement” huwa erba mija u erba u erbghin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm444.22c) kif imsemmi fl-avviz.

Skond Anthony Degiovanni li kien sindku tal-Kunsill Lokali l-konvenut kellu ihallas dan l-ammont ghaliex l-konvenut

ried jaghmel uzu tas-servizz li sar mill-Kunsill. Kellu ihallas ghax-xoghol li sar ghal komunikazzjoni.

Ikkunsidra li skond l-avviz l-ammont huwa dovut billi "il-konvenut huwa debitur lejn il-kunsill…billi l-konvenut ma kellux il-permess tal-Kunsill sabiex jaghmel ix-xoghol u mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta li l-istess konvenut iddikjara li kien lest ihallas l-ispejjez tad-drenagg". Illi billi t-talba mhux cara, it-Tribunal rega sema lil Perit Falzon u lil Alex Grima sabiex jipprova jifhem l-bazi tal-pretensjoni tal-Kunsill. Alex Grima qal li "ahna qed nippretendu l-flus billi l-konvenut iddecieda li jqabbad maghna u allura qed nippretendu l-flus".

Illi jekk l-konvenut qabbad mas-sistema tad-drenagg dan ma iffissirx li ghandu ihallas l-ammont ta' erba mija u erba u erbghin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm444.22c) li huwa deskritt f'Dok A mal-avviz bhala spejjes ta' "Formation of new drainage house connection including all excavation works reconnection, backfilling and reinstatement".

Illi l-Kunsill ma gabx bizzejjed provi sabiex juri li konvenut ghandu ihallas ghal "Formation of new drainage house connection including all excavation works reconnection, backfilling and reinstatement". Il-kunsill ma qalx li l-konvenut ghamel danni fl-ammont ta' erba mija u erba u erbghin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm444.22c) izda biss li kien hemm dawn l-ispejjes u l-konvenut kien qabbad mas-sistema li ghamlu huma. Il-Kunsill ma kienx mqabbad mill-konvenut biex jaghmel dawn l-ispejjes.

Ghaldaqstant jichad it-talab tal-attur bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------